**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 145/98</u>***

***Pulizija***
***Sp. Hubert Cini***
***v***
***Jesmond Gatt u Leslie Fenech***

L

Illum 26 ta' Frar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici) tad-droga eroina** fit-*8 ta' Mejju 1997 u fix-xhur ta' qabel;* kif ukoll Recidivita'u fil-konfront tal-imputat Leslie Fenech talli kiser il-liberta' kondizzjonata.

Illi wara s-smigh tal-provi, l-imputati ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom. Ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti rat il-**fedina penali nadifa** tal-imputat u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment tar-reat li bih instab hati, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul taz-zmien.

Illi in kwantu ghall-kumplament tal-akkuza il-qorti tosserva li dawn ma gewx sodisfacentement provati skond il-ligi, u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond akkuzi (b) u (d) ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 u l-Artikolu 10(1) tal-Kap.152; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputati that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella (ghall-imputat Leslie Fenech) u Michelle Sultata (ghall-imputat Jesmond Gatt) ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

In fine tordna d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***